

31979R2326

24.10.1979

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 266/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2326/79

tat-23 ta' Ottubru 1979

dwar il-bejgħ permess ta' proċeduri perjodiċi ta' appalt tal-laħam taċ-ċanga ta' l-għadma magħmul mill-aġenziji ta' intervent, u jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 79/75

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 805/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u l-laħam tal-vitella ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 425/77 ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi l-possibiltà ta' intervent permanenti dwar il-laħam taċ-ċanga u tal-vitella waslet biex jinġabar stokk konsiderevoli fil-Komunità; billi kwantità mix-xiri ta' intervent inżamm f'forma ta' laħam taċ-ċanga ta' l-għadma sabiex itejjeb is-sistema ta' l-intervent skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2226/78 ⁽³⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1763/79 ⁽⁴⁾;

Billi l-kondizzjonijiet għar-rilaxx mill-ħażna mniżżla fl-Artikolu 1(1)(ċ) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 98/69 ⁽⁵⁾, kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 429/77 ⁽⁶⁾, huma mwettqa;

Billi huwa possibbli li tkun applikata s-sistema ta' appalt skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2173/79 ⁽⁷⁾; billi jidher meħtieġ li tkun introdotta t-tali sistema li tippermetti l-laħam hekk maħżun li jinbiegħ fuq bażi regolari;

Billi il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Laħam u tal-Vitella,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-laħam taċ-ċanga u tal-vitella miżmum mill-aġenziji ta' l-intervent u bl-għadam skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Komunità jitpoġġa għall-bejgħ.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-iStati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Ottubru 1979.

Il-bejgħ isir permess ta' sistemi perjodiċi ta' appalt.

Id-disposizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79 u partikolarment l-Artikoli 6 sa 12 għandhom jgħoddu, soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

1. Avviż ġenerali ta' sistemi perjodiċi ta' appalt jkun ippubblikat l-aktar tard fid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-ewwel mill-istedini individwali ta' appalt riferuti fil-paragrafu 2.

2. Taħt sistemi perjodiċi ta' appalt, l-aġenziji ta' l-intervent jagħmlu sistemi individwali ta' appalt, skond l-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2173/79.

3. Fiż-żmien meta l-prezzijiet minimi tal-bejgħ għal kull appalt individwali huma f'fissati, tittieħed konsiderazzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq tal-laħam taċ-ċanga u tal-vitella u tax-xiri mill-ġdid u l-bejgħ li jsir mill-aġenziji ta' l-intervent.

4. L-aġenziji ta' l-intervent l-ewwel ibiegħu l-laħam li jkun ilu fil-ħażna l-aktar. Fl-ebda każ ma jstgħu jbiegħu l-laħam li hađu wara l-limitu taż-żmien indikat mill-avviżi ta' individwalita' l-appalt.

Artikolu 3

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 79/75 ⁽⁸⁾ huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 1979.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

⁽¹⁾ ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 24.

⁽²⁾ ĠU L 61, tal-5.3.1977, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 261, tas-26.9.1978, p. 5.

⁽⁴⁾ ĠU L 202, ta' l-10.8.1979, p. 14.

⁽⁵⁾ ĠU L 14, tal-21.1.1969, p. 2.

⁽⁶⁾ ĠU L 61, tal-5.3.1977, p. 18.

⁽⁷⁾ ĠU L 251, tal-5.10.1979, p. 12.

⁽⁸⁾ ĠU L 10, tal-15.1.1975, p. 9.